MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Numru. 141/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Rodianne Camilleri**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, Rodianne Camilleri, bint Anthony u Maria Carmela nee' Vassallo, imwielda Pieta` fil-21 ta' Ottubru 1984 u residenti gewwa Flat 3, Pjazza Sant'Antnin, Binja Kordin, Blokk D, Paola u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 532084M;

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fl-1 ta' Mejju 2011:

1. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba u terga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali taghha li hija wahda netta, il-fatt li ghandha hajja stabbli u m’ghandhiex il-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------